**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 85

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 24 ta'Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Massimo Scerri – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier (wasal fis-6.00pm)

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv (Deputat SE)

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresedietil-laqgħa.

Is-Sindku ssuġġeriet li tiġi sospiża l-laqgħa biex tiġi diskussa applikazzjoni għal permess ta' żvilupp PA/00170/19 peress li preżenti għal-laqgħa kien hemm 4 residenti li xtaqu jiddiskutu mal-Kunsill din l-applikazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi sospiża l-laqgħa.

Il-laqgħa bdiet fis-5.40pm.

## 85.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

85.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 85.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 83 u tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2018 – Laqgħa Numru 84

85.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-Tlieta u Tmenin Laqgħa u tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita` - Laqgħa Numru 84. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

85.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

85.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader*, Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 85.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

85.3.1 <u>Para 83.9.5 – Ittra uffiċjali mill-qorti dwar inċident stradali fi Triq il-Kunċizzjoni</u>
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet jekk nafux xi ħaġa dwar dan il-każ. Id-Deputat SE infurmat li dan il-każ ġara fit-2015 u ma nafux eżatt x'kien. Ħadd qatt ma kien ġie jilmenta dwar dan l-inċident.

## 85.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

85.4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn li jsir manutenzjoni tal-bankijiet kollha speċjalment li hemm fil-ġnien tal-Mirakli u fil-parti ta' fejn saret il-Festa taċ-Ċitru.

85.4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li flimkien mal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia ltaqgħu mar-rappreżentanti tal-kumpanija FACES dwar il-*bus shelters.* Ir-rappreżentanti qalu li biex issir *bus shelter* irid ikun hemm bankina adekwata. Il-*Minority Leader* ser tiltaqa' ma' kuntrattur biex tindikalu fejn qed jiġi ssuġġerit li ssir *bus shelter* u kif għandha tkun il-bankina, sabiex itina stima tax-xogħlijiet.

85.4.3 Is-Sindku tat *update* fuq l-attivita' *Citrus and Harvest Festival* 2019, fejn qalet li mar kollox kif ippjanat. Is-Sindku rringrazzjat lil kull min ta sehmu biex din l-attivita' setet tkun ta' suċċess. Ser jiġi ppreparat ir-rapport biex jintbagħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jiġu rifużi l-ispejjeż relatati mal-attivita'.

85.4.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li nhar is-Sibt 26 ta' Jannar ġejjien jagħmlu il-*filming* biex l-għada l-Ħadd jidher fuq il-programm 'Bieb u Għatba' fuq *Net Tv.*

85.4.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm bżonn xi restawr żgħir fuq in-naħa ta' wara tal-Mitħna. Ser inkellmu l-Perit biex jagħmel *inspection* u jindikalna x'hemm bżonn li jsir.

85.4.7 Is-Sindku tat xi informazzjoni dwar x'ġie diskuss fil-laqgħa tar-Reġjun, fosthom li dalwaqt ser joħroġ il-ktieb dwar il-lokalitajiet li jaqgħu taħt ir-Reġjun Ċentru. Dan il-ktieb qed isir mir-Reġjun b'Fondi Ewropej.

**F'dan il-ħin (6.00pm) daħal il-Kunsillier Salvu Farrugia għal-laqgħa.**

## 85.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

85.5.1 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill jafx meta ser issir Triq Kleriku Ġakbu Abela, Limiti ta' Sejduna u Ta' Ħal Mann. Id-Deputat SE ser tiċċekkja ma' TM u *Infrastructure Malta*.

85.5.2 Il-*Minority Leader* staqsiet ukoll meta ser isir il-*patching* f'diversi toroq li kienet infurmat bihom lill-Kunsill. Id-Deputat SE infurmat li l-*patching* dalwaqt isir. Ma sarx qabel għax kien hemm il-vann tal-Kunsill għand il-mekkanik għax kellu xi ħsarat.

85.5.3 Il-*Minority Leader* staqsiet ukoll dwar jekk il-bozoz li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja jaqgħux taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill għax mhux jixgħelu. Is-Sindku qalet liz-zuntier mhux tal-Kunsill u għalhekk il-bozoz ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta' tagħna.

## 85.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

85.6.1 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li l-*accountant* għadha ma lestietx l-Estimi għas-sena 2019 fuq il-*format* formali skont ir-regolamenti u għalhekk ma jistax jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kif l-Estimi għas-sena 2019 jkunu lesti, ser tissejjaħ laqgħa urġenti, sabiex dawn jiġu ppreżentati flimkien mar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

85.6.2 Il-Viċi Sindku rrimarkat li kemm ilha titħallas bir-rata l-ġdida li hija ferm għola minn dik ta' qabel, qed tagħti *performance* ferm inqas. Id-Deputat SE qalet li kellmet lill-*accountant* diversi drabi dwar dan għax id-*deadlines* taf bihom għax minn dejjem hemm kienu u qatt ma nbidlu. Is-Sindku ser tkellem lill-*accountant* dwar dan.

## 85.7 *Performance Bonus* għas-sena 2018 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

85.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2018 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, tad-Deputat SE u tal-ħaddiema klerikali.

85.7.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, Georgette Borg li jkopri parti mis-sena, minn l-1 ta' Jannar 2018 sat-30 ta' Novembru 2018. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

85.7.3 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tad-Deputat SE tal-Kunsill, Doriette Farrugia li jkopri parti mis-sena, minn l-1 ta' Ottubru 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

85.7.4 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-Assistent Prinċipal. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta` 6% tas-salarju.

85.7.5 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-Uffiċjal Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta` 6% tas-salarju.

85.7.6 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tal-iskrivana. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta` 6% tas-salarju.

## 85.8 *One-Way System* fi Triq Annibale Preca

85.8.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill, li wara l-*email* li bagħtu l-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, kellmet lill-TM, biex tgħidilhom li l-kambjament fid-direzzjoni tat-traffiku huwa wieħed intern (fir-raħal stess) u ma kellniex għalfejn nikkonsultaw mal-Kunsilli Lokali tal-madwar. Meta Kunsilli oħra għamlu xi tip ta' kambjamenti fit-traffiku, qatt ma kkonsulta mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija. Huma qalula li la nħareġ il-permess nistgħu immexxu. Qalulha li meta din is-sistema tkun ser tiġi implimentata,il-Kunsill għandu jinfurma lill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u Ħal Balzan b'dawn it-tibdiliet.

Id-Deputat SE talbet lill-Tommy Debono minn TM, biex jibgħat bil-miktub li l-Kunsill jistgħa jipproċedi billi

85.8.2 jimplimenta s-sistema tal-*one way* approvata minn TM mingħajr ma jikkonsulta mal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u Ħal Balzan. Is-Sur Debono qal li din ma kinitx approvata minnhu u għalhekk ma setgħax jikkonferma dan.

Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li ser ikun hemm bżonn 37 tabella bil-prezz ta' €47.20 l-waħda, li ser jammontaw għal €1,746.40.

85.8.3

Il-Kunsill ħa deċiżjoni li m'għandhux għalfejn jikkonsulta mal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u Ħal Balzan peress lit-tibdil fid-direzzjoni ser ikun ġewwa l-konfini ta' Ħal Lija u li għandha tiġi implimentata s-sistema tal-*one-way*

85.8.4 immedjatament.

F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u Ħal Balzan biex ninfurmawhom li ser ikun hemm tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku. Mal-ittra ser tintbagħat kopja tal-pjanta li tindika d-direzzjoni u

85.8.5 t-tabelli li ser jitwaħħlu.

## 85.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

85.9.1.1 <u>Tiġdid tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv</u>
Peress li l-ħatra tad-Deputat SE hija valida għal 90 jum, valida mill-1 ta' Diċembru 2018, il-ħatra ta' Doriette Farrugia ser tiskadi fl-aħħar ta' Frar 2019.Il-Kunsill unanimament approva li jġedded in-nomina tad-Deputat SE, Doriette Farrugia.

85.9.1.2 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li appik li joħroġ il-*pool* il-ġdid tas-SE prospettivi. Għalhekk, il-Kunsill unanimament approva li, kif joħroġ il-*pool,* immedjatament għandu jibda l-proċess għal-għażla ta` SE ġdid.

<u>Ċirkulari AKL 2019/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u Kunsilli Lokali</u>

85.9.2.1 Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/001 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għar-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali għas-sena 2019 mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Din il-polza, tkopri kemm il-flus kontanti, ċekkijiet etċ kif ukoll tagħti protezzjoni jekk waqt xi inċident ta` serq ikun hemm ħaddiema li jġarbu xi forma ta` danni, kemm fiżiċi kif ukoll fuq affarjiet personali tagħhom.

Il-Kunsill unanimament approva li jagħmel din il-polza. Id-Deputat SE ser tibgħat il-formola ta` reġistrazzjoni

85.9.2.2 flimkien mal-pagament ta` €65 minnufih peress li l-ħlas kellu jsir sal-lum.

<u>*Increment* – Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill</u>

85.9.3.1 Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li l-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Kunsill kien imissha tieħu *increment* fis-salarju tagħha. F'dan il-każ irid jingħata mill-1 ta` Jannar.

Il-Kunsill unanimament approva biex l-Uffiċjal Eżekuttiv tieħu l-*increment* li jmiss fi Skala 13, minn Skala 13/5

85.9.3.2 għal Skala 13/6.

<u>Risposta dwar xiri ta' post biex jintuża bħala uffiċċju tal-Kunsill</u>

85.9.4.1 Il-Kunsill kien kieteb lill-Onor. Silvio Parnis li kien ġie identifikat post alternattiv, li jinsab għal bejgħ. Il-Kunsill kien talab jekk jikkunsidrax li l-post jinxtara mill-Gvern Ċentrali u jiġi offrut b'kera lill-Kunsill jew jekk le, nitolbu dwar il-possibilta' li jinxtara mill-Kunsill, permezz ta' *loan* mill-bank mingħajr ma jsir referendum.

Dwar dan, irċievejna risposta mingħand id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, fejn qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel talba għal *loan* fejn irid jaderixxi mal-Artikolu 3 (6) tal-Att dwar il-Kunsill Lokali. Dan l-artikolu

85.9.4.2 jgħid li Kunsilli Lokali li jkun qed jipproponi li jiffinanzja proġett b'self, li jkun ser jieħu aktar minn tmien (8) snin biex jitħallas lura, għandu jissottomessi l-proposta tiegħu għall-approvazzjoni tiegħu b'referendum.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għada ser tiltaqa' ma' rappreżentant tal-*University Residence* dwar il-kirja tal-uffiċċju tal-Kunsill peress li meta tlabna biex isir il-kuntratt, kienu infurmawna li ser jgħollu l-kera minn €700 għal €1,000 fix-xahar.

85.9.4.3

<u>Art fi Triq Mansweta k/m Triq Kardinal Ferretti</u>
Wara li l-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-ippjanar u s-suq tal-proprjeta' issuġġerixxi li l-Kunsill japplika għal din l-art b'mod formali mal-Awtorita' tal-Artijiet permezz tal-formola GLA 3, id-Deputat SE

85.9.5.1 iċċekkjat mal-perit dwar kif għandha timtela' l-applikazzjoni.

Il-Perit infurmana li flimkien mal-formola iridu jiġu sottomessi kopja tal-pjanti proposti kif ukoll kopja tal-

permess tal-PA. Mingħajr dawn id-dokumenti, fost oħrajn, tal-applikazzjoni ma tiġix aċċettata.

85.9.5.2 <u>Wara Nofsinhar – Programm fuq TVM</u>
Qed jiġu mistiedna l-Kunsilli Lokali kollha biex jieħdu sehem fi *quiz* fuq il-programm Wara Nofsinhar li jixxandar fuq TVM. Il-*quiz* ikun bejn żewġ Kunsilli Lokali, fejn kull *team* ikun magħmul minn żewġ membri tal-komunita`
85.9.6 jew Kunsilliera. Il-Kunsill ser jiċċekja ma' żewġ residenti jekk jixtiequx jipparteċipaw f`dan il-programm.

<u>Ċirkulari AKL 2019/004 – Laqgħa Plenarja – Għawdex – 15/16 ta' Frar 2019</u>
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2019/004 – Laqgħa Plenarja li ser issir fil-Grand Hotel, Għawdex fil-15 u 1 ta' Frar 2019.

85.9.7.1 Is-Sindku u l-*Minority Leader* ser jikkonfermaw jekk jistgħux jattendu fil-ġranet li ġejjin. Kif jiġi kkonfermat, jintbagħat il-pagament minnufih.

*<u>European Cities Against Drugs (ECAD) Membership</u>*
85.9.7.2 Ir-Reġjun Ċentru qed jistaqsu lill-Kunsilli jekk jixtiequx ikunu membri fl-ECAD. Il-*membership* għal sena tiswa €300. Il-Kunsill m'approvax li nkunu membri fl-ECAD.

85.9.8 <u>Talba biex jissema sqaq</u>
Resident qed jerġgħa jissuġġerixxi biex l-ewwel biex jisemma l-ewwel parti tal-isqaq fi Triq AnnibalePreca. Ir-resident qiegħed jissuġerixxi jew li jkun SqaqNru. 2, Triq Annibale Preca jew inkella Sqaq il-Mitħna minħabba li qiegħed viċin il-Mitħna.

85.9.9.1

Il-Kunsill qabel li dan l-isqaq jissemma Sqaq Nru. 2, Triq Annibale Preca.

<u>Talba għal *double yellow lines* mal-ġnub ta' garaxx fi Triq Giannikol Buhagiar</u>
Resident qed jitlob li jsiru dyl mal-ġnub tal-garaxxtad-dar tiegħu nru. 27 fi triq Giannikol Buhagiar.

85.9.9.2

Ser napplikaw għal permess ma' TM biex isiru dyl b'tul ta' nofs metru mal-ġnub tal-garaxx.

85.9.10.1

<u>Talba għal *one-way system*</u>
Resident qed jitlob li biex issir *one-way system* mill-istatwa tal-Madonna l-ġewwa jiġifieri Triq Tal-Mirakli, Triq
85.9.10.2 N.Cottoner u Triq Ħal Bordi biex it-traffiku ikun ċirkulari.

85.9.11.1 Din it-talba ġiet approvata u ser napplikaw għal permess ma' TM.

<u>*Traffic issues* fi Triq Giuseppe Cali</u>
Ġiet innutata ittra mingħand resident b'diversi suġġerimenti dwar *traffic issues* fi Triq Giuseppe Cali (annessa -
85.9.11.2 Dok 1).

85.9.12.1 Dwar il-*plots* mhux żviluppati, il-Kunsill m'għandux dritt jimponi lis-sid biex din l-art jiżvilluppha f'*car-park.* Il-Kunsill ikun jista' jikkummenta la darba s-sid jiddeċiedi li jiżviluppa l-art. Il-Kunsill jista' jipprova jimponi biex meta l-art tiġi żviluppata, is-sid ibiegħ garaxx mal-appartament.

85.9.12.2 Dwar il-problema ta' *parking* fit-triq, ser inkellmu lill-Percius sabiex kemm jista' jkun l-impjegati jipparkjaw ġewwa l-binja stess u mhux jipparkjaw fit-triq. Ser inkellmu lill-President tal-*Balzan Youths FC*, biex jikkunsidraw li jagħmlu *gate* fi Triq Robert Mifsud Bonnici u dik ta' Triq Giuseppe Cali tintuża biss f'każijiet ta' emerġenza.

85.9.12.3 <u>Talba għal *double yellow lines* bejn żewġ garaxxijiet fi Triq Robert Mifsud Bonnici</u>
Resident qed jitlob li jsiru dyl bejn iż-żewġ garaxxijiet tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici għax jipparkjawlu bejniethom u ma jkunx jista' jidħol u joħroġ. Din it-talba ġiet approvata u ser napplikaw għal permess ma' TM.

<u>Talba biex jitneħħew żewġ *parking bays* fi Triq Robert Mifsud Bonnici</u>
85.9.13 Resident qed jitlob li jitneħħew iż-żewġ *parking bays* li hemm fi Triq Robert Mifsud Bonnici qabel ma' toħroġ għal Vjal it-Transfigurazzjoni għax peress lit-triq hija *two-way* spiss jinħoloq konfużjoni speċjalment meta tagħddi l-karozza tal-linja.

Din it-talba ma ġietx approvata għax fl-opinjoni tal-Kunsill, dawn iż-żewġ *parking bays* qiegħdin tajjeb u qatt ma
85.9.14.1 kien hemm ilmenti min-naħa tat-trasport pubbliku li l-*area* qed tiġi imblukkata.

<u>Talba biex isiru *double yellow lines* quddiem garaxxijiet fi Triq M. Debono</u>

Resident qed jitlob li jsiru dyl tul il-garaxxijiet kollha li hemm fi Triq M.Debono għax meta r-residenti qed iħallu l-karozzi pparkjati quddiem il-garaxx qed ikunu ta' ostaklu. Il-Kunsill qal li għandha tiġi ċċekkjata l-*area*.

85.9.14.2

<u>Talba għal *parking bay* safra quddiem garaxx</u>

Resident qed jitlob li ssir *parking bay* safra quddiem il-garaxx tiegħu nru. 16, Triq Ġużepp Tanti għax qed
85.9.15 jostakolawlu l-aċċess.

Il-Kunsill irrimarka li TM ma japprovawx kaxxi sofor, għalhekk jekk ir-resident jaqbel, napplikawlu għal *dyl* mal-ġnub tal-garaxx.

85.9.16.1 <u>Ħwat fi Triq il-Forn</u>

Il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar infurmat lill-Kunsill li residenta fi Triq il-Forn ħarġet xi ħwat faċċata tal-*Grasshopper Bar*. TM riċentament neħħew il-ħwat li ħareġ tal-*Grasshopper Bar* u għalhekk mhux sew li din qabdet u ħarġet il-ħwat hi issa.

85.9.16.2

Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu ittra lil kull min ħareġ ħwat fi Triq il-Forn u li qed jostakolaw il-bankina / it-triq sabiex ineħħuhom.

85.9.17.1

<u>Kwotazzjoni għal manutenzjoni tal-latrini</u>

Id-Deputat SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni li ġab il-kuntrattur li jieħu ħsieb il-latrini ta' xi affarijiet li hemm bżonn li jiġu rranġati fil-latrini.

85.9.17.2 Il-Viċi Sindku rrimarkat li l-prezzijiet kwotati huma xi ftit għoljin u għalhekk ser niċċekkjaw il-prezzijiet ma' *ironmongery* u mmexxu bl-irħas prezzijiet.

85.9.18.1 <u>Imwejjed u Siġġijiet</u>

Ġie nnutat li Tal-Villaġġ *Wine Bar* qed joħroġ imwejjed u siġġiet barra u għalhekk hemm bżonn li niċċekkjaw jekk dan għandhux permess tal-MTA jew tal-PA.

85.9.18.2 <u>Bankini fi Sqaq Nru. 1, Triq Sir Ugo Mifsud</u>

Resident issuġġerixxa li jiċkienu l-bankini fi Sqaq Nru. 1, Triq Sir Ugo Mifsud biex ikun hemm aktar spazju biex jipparkjaw. Is-Sindku qalet li ser tmur tiċċekkja.

85.9.19

<u>Applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA</u>

Is-Sindku ressqet lista tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

85.9.20.1 Fuq PA/11292/18, PA/00050/19, PA/00189/19, PA/00256/19, PA/11042/19 u PA/0553/19, il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

Fuq PA/00170/19, il-Kunsill ser jitlob lill-Perit sabiex jipprepara ittra biex tiġi sottomessa bħala oġġezzjoni a bażi
85.9.21.1 tal-punti diskussi mar-residenti li kienu preżenti qabel ma bdiet il-laqgħa.

Fuq PA/02240/18, il-Kunsill ra l-pjanti l-ġodda sottomessi mill-applikant, u ġie deċiż li ninfurmaw lill-perit biex jarhom u jagħti parir lill-Kunsill jekk hemmx bażi li ssir oġġezzjoni.

85.9.21.2

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

85.9.21.3

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 1 (mehmuża).

85.9.21.4 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 85.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

85.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

85.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar 2019 fil-5.00pm.

## 85.11

85.11.1

85.11.2

Konfermati, illum it-Tlieta, 26 ta' Frar 2019.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Magda Magri Naudi<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |